# RQAQAT TAL-KITBA

## *I* JEW *IE*

Ħafna mill-kittieba jibdlu bejniethom dawn iż-żewġ vokali meta jkollhom warajhom il-konsonanti *ħ* jew *q*; hekk min jikteb: *triq*, u min jikteb: *trieq*, *Żurriq* u *Żurrieq*, *sabiħ* u *sabieħ*, *riħ* u *rieħ* u oħrajn. Kif għandu jinkiteb sewwa?

Il-vokali *i*, meta jkollha wararha l-konsonanti *ħ*, *għ*, *q*, tiftaħ kemm kemm leħinha u tersaq lejn l-*e*, u xi drabi ssir *e* għa' kollox. Għax dawk il-konsonanti minnhom infushom iħobb vokali miftuħa, u l-vokali *i* hija l-vokali l-aktar magħluq. Għalhekk fi kliem bħal: *triq*, il-vokali *i* tinħass kemm xejn miksura lejn l-*e*. Minn hawn ġejja l-kitba: *trieq*, *dqieq*, *Żurrieq*.

Iżda l-vokali *ie* aktarx qiegħda flok *â*; hekk : *bieb* flok *bâb*, *sieq* flok *sâq*. Għalhekk wieħed jista' jaħseb li *trieq* qiegħda flok *trâq*, u *dqieq* flok *dqâq*, u *sabieħ* flok *sabâħ*. Jiġifieri l-vokali *ie* tfixkel tagħrif in-nisel tal-kelma u turina ħaġa b'oħra.

Għalhekk, għalkemm il-kitba: *trieq*, *dqieq*, mhix ħażina għal kollox, jidhirli li hu wisq aħjar li niktbu : *triq*, *dqiq*, *smigħ*, *ibigħ*, biex inżommu sħiħa l-vokali *i* u b'hekk jingħaraf aħjar nisel il-kelma.

## IL-VOKALI *I* FIL-BIDU TAL-KELMA

Fil-għadd 45-46 faċċ. 15 għidna li għandna niktbu *kotba ingliżi*, u mhux *kotba ngliżi*, għaliex il-vokali *i* fil-bidu tal-kelma: *ingliż* u ta' kliem ieħor hija biċċa mill-kelma li ma tista' tinxorob qatt mill-vokali tal-kelma ta' qabilha. Madankollu għad baqa' ħafna kittieba li donnhom ma fehmuhiex ir-raġuni u baqgħu jiktbu: *ħafna mpjegati*, *kienu ndipendenti*, *it-tieni mperu*, *il-poplu Ngliz*. Kitba bħal din ingħodduha b'ħażina, għax il-vokali *i* hija biċċa ħajja mill-kelma, u ma tistâx titneħħa bla ma titħassar il-kelma.

Għidna wkoll fil-għadd 47-48 faċċ. 11 li l-*j* fil-bidu tal-kelma tista' ssir *i*, imma *i* ma ssirx *j*, u wegħidna li kellna nerġgħu nitkellmu fuq dan. U nżommu kelmtna.

Il-verbi fil-present jieħdu dejjem fil-bidu tagħhom iż-żjieda *j* u *t* u *n*), hekk : *jikteb*, *jitkellem*, *jara*. Iżda l-vokali qasira tal-konsonanti *j*, meta tkun f'sillaba miftuħa u jkollha warajha sillaba twila, taqa' u tgħib u tħalli l-konsonanti *j* weħidha; hekk : *jamûr* issir *jmur*, *jaħâres* issir *jħares*, *jaħabrek* issir *jħabrek*, *jaqattel* issir *jqattel*. Issa meta verbi bħal dawn ikollhom qabilhom kelma b'vokali fl-aħħar, il-*j* tibqa' kif inhi, għax tintrabat mal-vokali ta' qabilha, hekk: *me-taj-mur* (= *meta jmur*.) Iżda meta jkollha qabilha kelma b'konsonanti f'tarfha, l-*j* titbiddel fil-vokali qariba tagħha li hi l-*i*, hekk : *biex jmur* issir: *biex imur*. Hekk ukoll : *jħâres* isir *iħâres*, *jqattel* isir *iqattel*.

Għalhekk għidna li l-*j* titbiddel f'*i*, u mhux l-*i* titbiddel f'*j*. U għalhekk ukoll għidna fil-faċċ. 11 tal-għadd 47-48 li ma nistgħux niktbu : *meta jbbies*, flok : *meta ibbies*, *ħadilna jsimna* flok : *ħadilna isimna*.

P. P. Saydon.